MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Numru 259/2007

Il-Pulizija
(Spettur Ian J Abdilla)

vs

Stefan Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 339985M, akkuzat talli:

1. fit-12 ta' Marzu 2007, gewwa l-Belt Valletta u f'postijiet ohra gewwa Malta, mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap 204.)

2. fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew

ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati; (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Kap 9.)

3. sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija mitluba sabiex, jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista’ jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 49A (3) tal-Kapitolu 204.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni hija wahda volontarja u inkondizjonata.

Anke mill-istqarrija tieghu l-akkuzi jirrizultaw ukoll jekk l-ammont tal-flus foloz huwa f’ammont minimu, li semmai jittiehed in konsiderazzjoni fil-piena.

Dwar ir-recidiva din tirrizulta wkoll.

Ghaldaqstant, ssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti. Rat l-Artikolu 45, 46 tal-Kap 204; l-Artikolu 49, 50 u 17 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza inserita fl-atti fir-rigward ir-recidiva u l-fedina penali li hija netta apparti d-delitt tar-recidiva.

Tiddeciedi li tillibera l-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum u tordna li l-biljetti tal-flus foloz jigu rimessi lill-Bank Centrali sabiex jiddisponi minnhom kif jidhirlu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------